**Ħruġ min-niċċa**
Nistednukom u niltaqgħu bi ħġarna nhar l-Erbgħa 18 ta' Ġunju għall-ħruġ tal-istatwa għażiża ta' San Pietru u San Pawl. Dakinhar ukoll issir ġabra oħra speċjali għall-festa ta' ġewwa filwaqt li nkomplu nħeġġukom tkunu ġenerużi fil-ġabra li saret bieb bieb, billi twasslu l-envelopes tagħkom fil-knisja jew fl-uffiċċju parrokkjali.



**Arranġamenti tal-ward**
Kull sena f'dawn il-festi nieħdu ħsieb inżejnu l-Artal u l-istatwa b'arranġamenti ta' ward meraviljuż. Grazzi lil Rita Meilak għall-arranġamenti ta' fuq l-Artal, u lil Mary Ann Portelli għall-arranġamenti ta' quddiem l-istatwa ta' San Pietru u San Pawl.
Min jixtieq jagħti sehmu fl-arranġamenti artistiċi tal-ward ta' quddiem l-istatwa, jista' joffri €20 u jgħaddihom lil Mons. Salv Pace. Jekk il-ġabra tkun ogħla mill-ispiża, id-donazzjonijiet tagħkom ser jintużaw biex fix-xhur li ġejjin issir il-**manutenzjoni tan-niċċa ta' San Pietru u Pawl**, sabiex ikollha sistema ta' arjazzjoni kontra l-umdità, hekk li l-istatwa, il-pedestall u l-bladella jinżammu f'kundizzjoni aktar protetta. Nirringrazzjawkom bil-quddiem.

**Ir-rivista Luminaria**
Matul dan il-weekend se toħroġ ir-rivista Luminaria. Grazzi kbira lill-voluntiera kollha tal-bord editorjali tax-xogħol u d-dedikazzjoni tagħhom. L-impenn ma kienx wieħed ċkejken: għalhekk nemmen li r-riżultat hu sabiħ u apprezzabbli minkejja l-limiti li jista' jkollna. Ir-rivista ser titqassam b'xejn però tkun ħaġa sabiħa jekk jirnexxilkom toffru donazzjoni li ttaffi ftit mill-ispejjeż tal-printing. Grazzi kbira mill-qalb lill-kontributuri li offrewlna l-artikli u r-riċerka tagħhom. Għalhekk nistednukom taqrawha u tgħadduha lill-familjari tagħkom anki barra minn xtutna.

## Ordinazzjoni Djakonali u Festa Tfal
Nhar il-Ġimgħa 20 ta' Ġunju, is-seminarista **Marlon Victor Bajada** li qed iservi fil-parroċċa tagħna, ser jiġi ordnat djaknu mill-Isqof Anton. Ejjew nawgurawlu u nitolbu għalih sabiex il-Mulej Alla jagħtih l-Ispirtu tal-qadi kif kien mogħni bih Ibnu Ġesù meta ġie fostna fis-sura ta' qaddej umli.
Waqt li ħafna miż-żgħażagħ tagħna ser ikunu preżenti għall-ordinazzjoni ta' Marlon peress li hu kien jaħdem fiċ-Ċentru magħhom, fl-istess mument fil-parroċċa tagħna se jkun hawn il-quddiesa tan-Novena għat-tfal u l-familji tagħhom. Ser tkun immexxija minn Dun Michael Said u animata mill-kor tat-tfal tagħna. Wara l-quddiesa ser ikun hemm manifestazzjoni bl-istatwa ta' San Pietru u San Pawl, u wara serata ta' divertiment imtella' mill-Kunsill Lokali tagħna.

---

Bejn it-30 ta' Ġunju u l-11 ta' Lulju, l-Isqof Anton Teuma, li hu wkoll family therapist, ser ikun qed imexxi **Kors dwar ir-Relazzjonijiet fil-Familja.** Inħeġġu lil kull min jixtieq jifhem aħjar ir-relazzjonijiet fil-familja tiegħu/tagħha, u jinvesti bis-serjetà ħalli jsebbaħhom u jsaħħaħhom, biex ma jitlifx din l-okkażjoni ta' formazzjoni. Il-kors jista' jkun ta' interess u għajnuna għall-individwi jew koppji kif ukoll għall-ġenituri, carers jew edukaturi ta' tfal u adolexxenti. Għal aktar informazzjoni ċempel fuq 99877339 jew żur il-website: https://www.ipm.edu.mt/courses/psychodynamics-of-family-relationships/

**L-Għaqda Dun Franġisk Grima** tavża li nhar il-Ħamis 19 ta' Ġunju se mmorru naraw il-kappella fit-Torri ta' Santa Ċeċilja fejn il-gwida ta' Wirt Artna ser tkellimna dwar il-post. Wara mmorru nieħdu kafè. Min hu interessat iċempel lil Tonina fuq 21553041 jew 79923153 għat-trasport. Tluq minn ħdejn iċ-Ċentru fid-9.30am.

**Il-Ħin tal-Quddies**

**Ħdud u Festi:** 5.30am; 6.30am; 8.30am; 9.45am; 11.00am; 5.00pm; 7.00pm
**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5.30am; 6.15am; 7.00am; 7.45am; 9.00am; 5.00pm; 7.00pm
**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.00am
**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am; 10.15am (bl-Ingliż)
**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am